**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 42 – Il-Ġimgħa, 20 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , l-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 41**

**Is- Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 41, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

Il-Minuti għal Seduta Nru 41 ġew approvati b'mod unanimu.

2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li ġie mniedi r-Reġjun Kulturali 2023 fejn bħala Kunsill Lokali se jkun qed jipparteċipa bl-attivita' kulturali 'Niskopru Ħal Luqa' li hija skedata għall-ewwel Ħadd ta' Ġunju.

.

3 **Performance Appraisal Report Impjegati u Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv qed tippreżenta l-*Performance Appraisal Reports* tal-impjegati tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-performance bonus jingħata lil dawk l-impjegati li jkunu eċċellew fil-ħidma tagħhom matul is-sena u jingħata fid-diskrezzjoni tal-Kunsill, skont il-linji gwida tal-liġi għall-Gvern Lokali u mhux bi dritt, bħalma hi l-paga.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat l-Performance Appraisal Reports tal-impjegati kif ġej;
Uffiċjal fi Skala 10 – 4%
Uffiċjal fi Skala 10 – 6%
Uffiċjali fi Skala 16 – 6%

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** talbet li l-volum tal-*online streaming* jingħalaq sabiex ikun possibli li ssir diskussjoni bejn il-membri. Il-volum ingħalaq kompletament u s-Seduta kompliet b'mod kunfidenzjali, minħabba GDPR.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat ir-raġunijiet għaliex l-impjegat

fi skala 10 u l-impjegat fi skala 16 għandhom jieħdu *full performance bonus*.

**Is-Sindku John Schembri,** talab vot. Ivvutaw favur ir-rakkomandazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, sitt (6) kunsilliera preżenti.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat ir-raġunijiet wara l-4% tal-uffiċjal fi Skala 10, fejn jidher li matul is-sena 2022, il-performance tal-impjegat naqset. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet il-kummenti tal-membri.

**Is-Sindku John Schembri** talab lil kull kunsillier jagħmel l-intervent tiegħu u stieden lill-kunsillier Frederick Aquilina sabiex jibda d-diskussjoni. Il-Kunsillier Aquilina qal li r-raġunijiet mogħtija mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv huma raġonevoli, iżda sabiex l-impjegat in kwistjoni ma jħossux demoralizzat għandu jingħata 5% u mhux 4%.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** qal li filwaqt li l-impjegat in kwistjoni iwettaq xogħlu, jemmen li jeħtieġ titjib fil-ħidma tiegħu, speċjalment fil-customer care. Dan minbarra li meta l-istaff in kwistjoni jkun xogħol waħdu, t-*telephone* ma jiġix imwieġeb matul il-ġurnata tax-xogħol.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** qal li hu ma jaqbilx li l-impjegat in kwistjoni jingħata 5% u qed jivvota kontra u talab sabiex l-impjegat jitla' quddiem il-Kunsill u jiddefendi ruħu.

**Is-Sindku John Schembri**, qal li l-*performance bonus* mhux bi dritt, iżda l-impjegat irid imur oltre mill-obbligi tal-ġurnata tax-xogħol normali tiegħu, kif obbligat li jagħmel. U f'dan il-każ, l-Kunsill għandu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, li hija l-Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-politiku m'għandux jidħol fil-mertu tal-każ.

Wara kien imiss lill-Kunsillier Lucia Massa li qalet li filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv hija responsabbli mill-istaff tal-Kunsill, ma tħossx li għandha tmur kontra dak li qalet, madankollu għal din id-darba taqbel mal-Kunsillier Frederick Aquilina li l-impjegat in kwistjoni jingħata 5% performance bonus.

L-istess kienet il-fehma tal-kunsillier Maria Magri. Is-Sindku John Schembri għalaq id-diskussjoni fejn qal li jinsab konvint li dak li għamlet id-Deputat Segretarju Eżekuttiv huwa biss għaliex trid li l-impjegat tirranġa l' ftit nuqqasijiet eżistenti, għal ġid tiegħu stess u għaldaqstant huwa tal-fehma li jmur mal-maġġoranza tal-kunsilliera, dik ta' 5% performance bonus.

Wara s-Sindku John Schembri talab vot. Is-Sindku John Schembri, l-

kunsillier Frederick Aquilina, Eric Camilleri, Lucia Massa u Maria Magri vvutaw favur li l-impjegat jingħata 5% performance bonus, filwaqt li Andrew Cassar ivvota kontra.

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv toħroġ mill-kamra sabiex ikun possibli li jiddiskutu l-Performance Appraisal Report tagħha. Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm saret id-diskussjoni bejn il-membri.

(Il-volum tal-online streaming reġa' nxtegħel normali)

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** daħlet lura fil-kamra. Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill qabel li tingħata 8% minn 10% performance bonus. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Maria Magri, nfurmaw li dan qed isir mhux minħabba negliġenzi fil-ħidma tagħha, iżda minħabba l-fatt li mhux qed ikun possibli li tiġi kuljum fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u ċertu xogħol qed jaqa' lura.

Is-Sindku John Schembri talab vot. Ivvutaw favur sitt (6) kunsilliera preżenti. Il-performance bonus tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġie approvat b'mod unanimu.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** irringrazzjat lill-membri u nfurmat li taċċetta u taqbel mad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

**4.**

**PROĠETTI**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li ġie ffirmat il-kuntratt relatat max-xogħlijiet tal-*finishing* tal-letrina pubblika u huwa mistenni li x-xogħol jinbeda fil-ġranet li ġejjin.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li saret site-visit mill-uffiċjali responsabbli mit-tfassil tat-tender specifications, għax-xogħol relatat mal-proġett tad-Digital localities.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Kunsill Lokali flimkien mal-Għaqda Teatrali Skene se jkunu qed jorganizzaw Pagaent tal-Ġimgħa l-Kbira, fit-Teatru Metanoa. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija talbet li flimkien mal-Kunsill jorganizzaw attivita' tal-Karnival. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet li l-Kunsill jinvesti f'AED Machine fil-

binja tal-Kunsill Lokali.  Saret diskussjoni bejn il-membri.  Is-Sindku nfurma lil membr,i li hu kien diġa tkellem mas-Suprtendent tal-Pulizija, fejn infurmah li peress li l-Għassa qed tkun ta' sikwit magħluqa, l-AED machine eżistenti fl-Għassa titneħħa u tiġi nstallata fil-football grounds fi Triq San Tumas.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet li tinxtara AED Machine oħra u titpoġġa f'post prominenti fil-lokalita'.

**5.**

**KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**6.**

**AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 13 ta' Frar 2023 fil-5.30p.m.

Minuti ġew approvati llum, l-____________________________

____________________
**John Schembri**
SINDKU

____________________
**Karen Camilleri**
Deputat Segretarju Eżekuttiv